# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 37/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Agius)

vs

**Kenneth Ian Azzopardi**

iben Clement , imwieled San Giljan, fis-26 ta' Lulju, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 381480(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Kenneth Ian Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Fl-20 t' Ottubru 2011 u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħudha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħuhom jew imexxihom meta kien jaf li l-ħaġa kienet ġejja minn serq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-31 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju għall-ġudizzju tal-25 ta' Jannar 2013 u senjatament l-Artikoli 334 u 279(b) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu tmintax(18)-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall-perijodu ta' sentejn(2) millum. B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat lill-imputat sabiex sa żmien tlett (3) ġimgħat millum jirrestitwixxi lil Jeffrey Theuma il-kaxxa u l-bieba tal-vann Isuzu Elf li nstabu fil-pussess tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Kenneth Ian Azzopardi minnu ppreżentat fis-6 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni u minnha tilliberaħ skont il-liġi. Mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, din l-Onorabbli Qorti hi mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena u/jew sanzjoni aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok, meta wieħed iqis il-provi li nġabu, l-ispjegazzjoni ragjonevoli tal-appellant u x-xhieda inverosimili tal-parte civili, joħroġ ċar li r-rekwiżiti legali tar-riċettazzjoni, ma ġewx sodisfatti;

Illi dak li l-Ewwel Qorti kkwotat bħala rekwiżiti legali kif spjegati fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor.Imħallef Joseph Galea Debono) fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Darren Debono"**[1], ma ġewx ippruvati fil-każ odjern;

[1] Appell numru 245/2008 deciz fil-15 ta'Jannar,2009.

Illi f'dan is-sens, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament komplut u korrett tal-provi fid-dawl tar-rekwiżiti legali;

Illi ma saret ebda prova fir-rigward tal-prezz ġust li l-appellant jinsisti li ħallas għalih meta hu l-istess parte ċivili li fix-xhieda tiegħu ikun kuntradittorju;

Illi jiġi ribadit li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tad-dritt kif applikat il-fatti li ħarġu mill-provi, filwaqt li ma ppronunzjatx ruħha fuq diversi sottomissjonijiet tad-difiża;

Illi dan l-appell mhuwiex intiż li biex din l-Onorabbli Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni u l-ġudizzju tal-Ewwel Qorti f'dak li għandu x'jaqsam ma' apprezzament ta' fatti iżda biex isir eżami approfondit tal-istess biex jiġi stabbilit jekk din l-Onorabbli Qorti setgħet tasal fuq bażi ta' liġi u ragjonevolezza[2] għall-istess konklużjoni;

Illi inoltre l-appellant iħoss li kellha ssir analiżi bir-reqqa tal-provi quddiem l-Ewwel Qorti u b'riżultat ta' dan in-nuqqas, id-deċiżjoni appellata mhijiex waħda "*safe and satisfactory*";

Illi l-Imħallef Carmel Agius fid-deċiżjoni mogħtija fit-3 t'Ottubru,1985 fil-kawża fl-ismijiet "**il-Pulizija vs Anthony Gatt"** ta spjegazzjoni dettaljata x'irid jiġi ppruvat biex ir-reat ta' riċettazzjoni jiġi ppruvat skont il-liġi u cioe:

"*...F'kull każ ta' riċettazzjoni, għalkemm l-oneru tal-prova, mhux biss tal-pussess iżda anki tax-xjenza doluża, jispetta dejjem u biss lill-prosekuzzjoni, meta l-provi li jkunu nġabu jkunu tali li, jew in mankanza ta' spjegazzjoni da parti ta' l-akkużat jew minkejja tali spjegazzjoni, ikunu sodi biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Qorti mill-ħtija skond il-liġi, dan hu suffiċjenti għas-sejbien ta' tali ħtija...";*

---

[2] Deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fil-15 ta'Jannar,2009 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Darren Debono"** (App.nru.245/08).

Illi hekk kellu jagħmel l-Ispettur Agius għall-Prosekuzzjoni iżda dan ma sarx għax l-investigazzjoni ma saritx kif suppost;

Illi l-Pulizija naqset milli tagħmel kwalsiasi investigazzjoni dwar telefonati li rċieva Kenneth Azzopardi biex jiġi individwat min biegħ il-kaxxa u l-bieba lil Kenneth Azzopardi għax dan kien ċempillu. Għaliex ma saritx tali investigazzjoni ġjaladarba Kenneth Azzopardi ikkonferma li l-venditur kien cempillu ? Għaliex il-Pulizija ħadet 'short-cut' u minflok għamlet investigazzjoni bir-reqqa, qabdet u resqet lil Kenneth Azzopardi ?;

Illi lanqas investigazzjoni fuq 'high-ups' ma saret mill-Pulizija;

Illi l-Ispettur Agius wasal biex saħansitra jipprova jaqbad lil Kenneth Azzopardi f'gidba u ġab priġunier mill-ħabs biex Kenneth Azzopardi jindikahx bħala dak li kien biegħlu l-kaxxa pero 'Kenneth Azzopardi qal mal-ewwel li ma kienx dak ir-raġel !;

Illi Kenneth Azzopardi li huwa 'manager' f'bank lokali, xtara l-kaxxa u l-bieba "*in good faith*" bi prezz ġust u ragjonevoli għall-imsemmija oġġetti '*second-hand'*;

Illi huwa naturali li persuna li mhijiex imdaħħla mal-pulizija tinfixgħel meta numru ta' pulizija jidħlu fil-proprjeta' tagħha u jibdew jagħmlu akkużi kontrih;

Illi l-oġġetti ma kinux moħbija kif kienu jkunu kieku Kenneth Azzopardi kellu x'jaħbi u l-garaxx kien bil-bibien miftuħin;

Illi Kenneth Azzopardi ammetta li żbalja meta qabdu l-paniku għax mhux imdorri b'numru ta' pulizija iduru fil-garaxx tiegħu jakkużawh li għandu oġġetti misruqa u għalhekk semma' lil kuġinuh iżda mal-ewwel stqarr kif u ma' min sar ix-xiri;

Illi fir-rigward tal-prezz imħallas minn Kenneth Azzopardi, il-Pulizija setgħet ġabet xi tip ta'prova fuq kemm jiswew dawn l-oġġetti "*second-hand*" pero dan m'għamlitux;

Illi fil-fatt jigi rilevat li l-prezz imhallas huwa prezz gust u ragjonevoli ghall-imsemmija oggetti 'second-hand';

Illi forsi minħabba li rrealizza li l-każ kien dgħajjef li l-Ispettur Agius issugerixxa lil Kenneth Azzopardi biex jirranġa ma' Jeffrey Theuma billi jħallsu tal-kaxxa u tal-bieba iżda Kenneth Azzopardi kien wieġbu li ġja ħallas tagħhom prezz ġust u ragjonevoli;
Illi fix-xhieda tiegħu Jeffrey Theuma ried akkost ta' kollox iwaħħal f'xi ħadd anki billi jasal igħid li l-bieba fiha 'quarter window' meta mhux minnu filwaqt li mhux minnu li kien hu li ra l-vann ta' Kenneth Azzopardi iżda ħuh li min-naħa tiegħu ċempel lil Jeffrey Theuma;

2.Illi inoltre s-suespost, id-deliberazzjoni tal-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tal-31 ta'Jannar, 2014 tikkonsisti biss f'paragrafu wieħed u ma daħlitx fil-punti kollha mressqa mir-rikorrent u għalhekk kien hemm ksur tal-prinċipju *cerimus paribus;*

Illi l-argumenti tad-difiża kif spjegati b'mod konċiż fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fis-7 ta'Jannar,2014, la ġew indirizzati u lanqas dibattuti mill-Ewwel Qorti;

3.Illi fit-tielet lok, anki jekk ma tkunx ċara l-provenjenza ta' oġġett, dan ma jfissirx li l-pussessur kien konxju tal-provenjenza illeċita tal-oġġett in kwistjoni;

Illi x-xjenza hija wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat ta' riċettazzjoni u kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Generoso sive Jimmy Sammut</u>**" deċiża fit-13 ta'Marzu,1998:

"*...Jekk jirriżulta li l-imputat qiegħed jigdeb dwar il-provenjenza ta' oġġett u li huwa għandu xi interess li jaħbi l-mod kif l-oġġett ġie fil-pussess tiegħu, dana ma twassalx għall-prova bla dubbju ragjonevoli li kien jaf dwar il-provenjenza illeċita ta' dak l-oġġett…";*

Illi din ix-xjenza kienet nieqsa min-naħa ta' Kenneth Azzopardi kif jidher ċar mill-provi mressqa u konsegwentement ir-reat ta' riċettazzjoni ma ġiex pruvat;

4. Illi aggravju ieħor hu li mill-assjem tal-provi in atti, ma hemm xejn li turi ħtija fil-konfront tal-appellanti wara kunflitt car u lampanti fil-provi. Dan għaliex

Illi akkuża kriminali għandha tkun speċifika u ċara[3] u fi kwalunkwe każ għandu

Illi inoltre jidher biċ-ċar mill-provi u mill-fattispeci tal-każ, li m'hemmx l-għemil delittuz u anzi hemm id-diligenza meħtieġa;

Illi mix-xhieda mismugħa mill-Ewwel Qorti jirriżulta kunflitt ċar u lampanti fil-verżjonijiet u konsegwentement, f'każ ta' kunflitt ta' provi jew dubbju ragjonevoli, dan għandu jmur favur l-imputat[4];

Illi konsegwentement ir-reat kif dedott fl-imputazzjoni ma jistax jikkonfigura fil-konfront tal-appellant peress li ma jirrikorrux l-elementi kollha neċessarji;

Illi mingħajr pregudizzju għall-premess, jeħtieġ li jkun hemm l-element intenzjonali. Dan hu għal kollox nieqes fil-każ odjern u dan għaliex (a) fl-ewwel lok, l-element fattwali ma jirriżultax sal-grad rikjest mill-liġi u mingħajr pregudizzju, (b) il-ħlas sar u l-prezz kien wieħed ġust għall-oġġett "second-hand";

5. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr pregudizzju għas-suespost, il-piena imposta mill-Ewwel Qorti hi esagerata u mingħajr proporzjon għall-fatti tal-każ odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[3] Ara "**Pulizija vs Carmel Galea**", deciza f'Mejju/Gunju,2000, Qorti tal-Appell Kriminali.

[4] "**Pulizija vs Mario Cassar et**", deciza fit-28/1/94, Qorti tal-Appell Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

'Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fi-lkonkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi: Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991; Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994; 6 Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiz fis-6 ta' Ġunju, 1994; Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995; Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.' (Ara Appell Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v Vincent Abela tal-24 ta' Mejju 2016).

Għalhekk din il-Qorti ser tagħmel eżami approfondit tal-provi fil-proċess.

L-Ewwel Qorti elenkat it-tlett elementi ta' riċetazzjoni sabiex persuna tista' tinstab ħatja u dawn huma s-segwenti:

1. Il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor.

2. L-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima u

3. Fil-mument tal-akkwist , l-akkużat kien jaf bil-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni u dan skont ġurisprudenza nostrana jista' jirriżulta kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizzjarji (Ara  Il-Pulizija vs Bugelli 24.01.1942; Pulizija vs Giovanni Grima 25.10.2002; Pulizija vs John Briguglio 24.06.1961)

Għadaqstant din il-Qorti ser teżamina l-elementi msemmija b'referenza għal dan il-każ

1. **Il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor.**

Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju li effettivament il-kaxxa kienet misruqa u dan speċjalment bix-xhieda ta' Chalie Bonanno li kien il-persuna li għamel l-imsemmija kaxxa. Il-kaxxa hija unika u għarafha immedjatament għax m'hawnx oħra bħalha. Għaldaqstant din hija konferma ulterjuri li mhijiex xi ħaġa li tixtriha '*over the counter'*  jew komuni imma tintgħaraf.

Inoltre, kemm il-parti ċivile Geoffrey Theuma u Elton Theuma kkonfermaw li kienet il-kaxxa tal-vann tagħhom li kien insteraq ftit ta' żmien qabel.

Dan l-element ġie pruvat inkwantu jirrigwarda l-fatt li l-oġġett in kwistjoni kien misruq.

2. **L-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima**

    L-appellant laqa' għandu żgur l-oġġett, għax kien qiegħed fil-garaxx tiegħu meta l-parti ċivile nnuttah u staqsih biex jara l-kaxxa . Inoltre, l-istess appellant qal fix-xhieda tiegħu li kien ħallas li min biegħilu tlett elef Ewro *cash*.

    Għaldaqstant it-tieni element ġie pruvat.

3. **Fil-mument tal-akkwist, l-akkużat kien jaf bil-provenjenza lleġittima tal-oġġett in**

**kwistjoni**

**Din il-Qorti ma tħossx li dan l-element ġie pruvat għas-segwenti raġunijiet:**

a) Min biegħilu kien sempliċiment ra l-vann fit-triq u staqsih jekk iridx il-kaxxa u l-appellant qallu li kien qed ifittexx imma ma tantx għandu ċans.

b) Fix-xhieda tiegħu l-appellant jgħid is-segwenti: Min biegħilu ġie bil-kaxxa b'vann abjad bil-high up, poġġieha fuq ix-xażi u x'ħin ra li qagħdet , ġablu l-bowldijiet biex jorbot il-kaxxa u l-lever li terfa' l-kaxxa u ġablu l-bieba. Dan kollu sar fil-main road, Triq il-Għajn Dingli. Iġifieri ma talbux biex imur x'mkien fl-imwarrab biex ma jarah ħadd u seta' jiġih f'moħħu li hemm xi ħaġa ħażina fih.

c) In oltre, l-appellant ma żammx il-vann moħbi jew mistur sakemm jirranġah għax **:**

-Fix-xhieda tiegħu a fol 149 jgħid li :

*Xhud: Insomma l-vann* ***għamel xi ħmistax –il ġurnata barra*** *sa kemm naddaft il-garaxx minn ġewwa bil-kaxxa poġġuta fuqu dan*

*Dif: Barra jiġifieri*

*Xhud: Fit-Triq*

*Dif: Barra fit-triq*

*Xhud: Fid-drive tiegħi .* ***Imma d-drive jidher kollox minnha . La għandi xatba, la għandi ħajt għoli , jidher kollox . Imbgħad daħħaltu fil-garaxx il-vann.***

Inoltre, l-bieb tal-garaxx tiegħu ħallih miftuħ beraħ waqt li kien qed jixkatla l-kaxxa jew xi biċċa mill-vann u għalhekk rah il-parti ċivile.

*d)* Inkwantu jirrigwarda l-prezz, huwa kien xtrah tlett elef Ewro *cash* imma propjament min biegħlu kien talbu tlett elef u ħames mija. Inoltre, l-istess appellant kien qal li kien ġab xi *quotations* u ta' waħda ġdida kienu talbuh erbat elef u ħames mija (fol 160) . Għaldaqstant meta għal waħda *second hand,* talbuh tlett elef u ħames mija ma rahiex ta' daqshekk

differenza.

*e)* Mill-atteġiament tal-appellant huwa ddubita biss mill-provenjenza tal-kaxxa meta ra dawk il-Pulizija kollha fil-garaxx, tant li gidbilhom (‘*Hemmhekk jiena gdibt ma niddejjaqx ngħid il-għaliex bezzgħuni’.* Fol 152) u qallhom li l-kaxxa kien xtra mingħand wieħed iżda l-bieba kien ġaba mingħand kuġin tiegħu. Iżda sakemm ġie l-kuġin fuq il-post qallhom li xtra mingħand l-istess wieħed.

f) Huwa umbgħad prova jgħin lil Pulizija għax qalilhom li kapaċi jagħmel *identity kit* tiegħu iżda ma kienx jaf x’jismu.

g) Huwa nfurmhom li kien irċieva telefonata mingħand min xtara u l-ispettur qallu biex imur għand tal-vodafone biex jiċċekjaw u dawn qalulu li rrid ikun hemm talba mill-Qorti biex jagħmluha

*h)* Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni kif ma kellux numru tal-mobile jew x’jismu , jew x’kien jiġri li kieku kellu xi ħaġa ħażina fil-kaxxa , huwa jirrispondi: *‘Il-kaxxa jiena kapaċi nagħmel dak ix-xogħol. Fuq il-kaxxa nista’ ngħidlek din ma kien fiha l-ebda mechanical part, ma seta’ jkun fiha xejn ħażin il-kaxxa. Għax li kieku kien fiha xi ħaġa ħażina sewwa, jiena kont naraha minn barra. Li kieku kienet imsadda jew mibruma jien kont naraha x’ħin qegħda fuq il-van . Dik number one, number two x’ħin tajtu n-numru tal-mobile fuq il-karta jiena tlaqt ‘l hemm mill-ewwel għax kont mgħaġġel għax kien għadu kif farli t-tank’.*

Illi din il-Qorti tħoss li hemm dak il-‘*lurking doubt’* kemm kien jaf li effettivament kienet misruqa il-kaxxa u l-bieba u għaldaqstant mhux qed taqbel mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti nkwantu jirrigwarda l-ħtija tal-appellant. L-appellant jidher li kien xtara l-kaxxa u l-bieba *in good faith* għax kieku ma kienx ser iħalli l-vann barra għal ħmistax u lanqas ma jħalli l-bieb tal-garaxx miftuħ beraħ. Inoltre, l-fedina penali tal-appellant hija kompletament netta.

Ili madankollu, din il-Qorti tinsab konvinta li l-kaxxa u l-bieba kienu tal-vann li kien misruq mingħand Jeffrey Theuma.

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet  din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni kontrih u fejn ikkundannatu għal tmintax (18)-il xahar priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' sentejn (2) u minflok qed tilliberaħ minn kull htija u piena u tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li tingħata lura l-kaxxa u l-bieba in kwistjoni , salv dejjem id-dritt tad-derubat taħt l-Artikolu 559 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.